MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 63/1999/1

**Carmelo u Rosette konjuġi Vella**

***Versus***

**Anthony Gatt, Salvatore Gatt, Joseph Gatt, Concetta Grech, Esther Tabone, Doris Attard, Maria Falzon, u, għal kull interess li jista' jkollhom, Karmenu żewġ Concetta Grech, Henry żewġ Esther Tabone, Francis żewġ Doris Attard, u Benedict żewġ Maria Falzon**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas ta' legat imħolli lilhom b'testment. Waqt is-smigħ tal-kawża l-partijiet qablu illi l-qorti taqsam ukoll bejniethom il-proprjetà tal-wirt ta' l-istess testatriċi.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-atturi kienu irrendew serviġi lil Carmela Gatt, omm l-attriċi. L-istess Carmela Gatt, fit-testment tagħha tat-18 ta' Marzu 1994, iddisponiet illi għal dawn is-serviġi l-atturi kellhom jitħallsu b'titolu ta' legat f'ishma ndaqs bejniethom u b'seħħ mill-1 ta' Jannar 1993 sa dakinhar ta' mewtha s-somma ta' tletin lira (Lm30) għal kull ġimgħa li tkun għaddiet. Carmela Gatt mietet fit-2 ta'

Jannar 1998, iżda l-konvenuti, illi flimkien ma' l-attriċi huma l-werrieta tagħha, ma jridux iħallsu l-legat, għalkemm kienu msejħa jagħmlu hekk b'ittra uffiċjali tas-27 ta' Novembru 1998.

L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti, wara illi tgħid illi huma għandhom il-jedd illi jitħallsu l-legat imsemmi fuq skond it-testment ta' Carmela Gatt, tillikwida l-ammont li jmiss lill-atturi, u tikkundanna lil kull wieħed u waħda mill-konvenuti werrieta ta' Carmela Gatt iħallsu lill-atturi sehem wieħed minn tmienja ($^{1}/8$) tas-somma hekk likwidata, flimkien ma' l-imgħax mit-2 ta' Jannar 1998 sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Novembru 1998.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. huma għadhom qegħdin jiddeliberaw jekk jaċċettawx il-wirt ta' Carmela Gatt, u f'kawża oħra qegħdin ifittxu li jħassru trasferiment ta' immobbli magħmul minnha lill-attriċi għax qegħdin igħidu illi t-trasferiment, għalkemm jidher li sar b'titolu oneruż, huwa fil-verità donazzjoni;
2. sakemm għadhom ma aċċettawx il-wirt, ma jistgħux iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom; u
3. ikun xieraq illi l-qorti ma tkomplix bis-smigħ tal-kawża sakemm il-kawża fuq imsemmija tinqata'.

B'nota tal-15 t'Ottubru 2002 il-konvenuti Esther Tabone, Doris Attard, Mary Falzon u żwieġhom ammettew it-talbiet ta' l-atturi waqt illi l-konvenuti l-oħra baqgħu jikkontestaw it-talbiet. Fil-21 ta' Jannar 2005, imbagħad, il-partijiet qablu illi, barra milli tqis it-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni, il-qorti għandha wkoll taqsam il-beni immobbli tal-wirt bejniethom fi tmien ishma ndaqs. Il-qorti għalhekk tifhem illi, meta qablu illi jinqasmu bejn il-werrieta l-beni tal-wirt, il-konvenuti kienu qegħdin effettivament jaċċettaw il-wirt u jirrinunzjaw għall-eċċezzjonijiet tagħhom, bla ħsara għar-riserva li għamlu dwar il-meritu tal-kawża numru 523/1999.

Inqisu l-ewwel il-kwistjoni dwar il-legat.

Fit-tieni artikolu tat-testment tagħha tat-18 ta' Marzu 1994 fl-atti tan-Nutar Joe Cilia, Carmela Gatt *de cuius* ordnat hekk:

B'titolu ta' legat it-testatriċi tordna illi jitħallsu lil bintha Rosette Vella u żewġha Carmelo Vella, fi kwoti ndaqs bejniethom, b'effett mill-ewwel ta' Jannar tas-sena elf disa'

mija u tlieta u disgħin (1/1/1993) sal-ġurnata tal-mewt tat-testatriċi, is-somma ta' tletin lira maltin (Lm30) għal kull ġimgħa li tkun għaddiet, u dan bħala ħlas ta' serviġi resi lill-istess testatriċi matul ħajjitha mill-imsemmija bintha u żewġha, u li ilha tgħix magħhom mill-imsemmija data.

Carmela Gatt mietet ħames snin wara, fit-2 ta' Jannar 1998, u għalhekk għaddew mitejn u wieħed u sittin (261) ġimgħa. Tletin lira (Lm30) fil-ġimgħa għal mitejn u wieħed u sittin (261) ġimgħa jiġu sebat elef, tmien mija u tletin lira (Lm7,830), u l-qorti għalhekk tillikwida l-legat li għandu jitħallas lill-atturi fis-somma ta' sebat elef, tmien mija u tletin lira (Lm7,830). Billi l-werrieta huma tmienja (8), is-sehem li għandu jħallas kull werriet jiġi disa' mija u tmienja u sebgħin lira u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm978.75).

Għall-għanijiet tal-qsim tal-wirt il-qorti ħatret perit tekniku illi, wara li għamel stima ta' l-immobbli, qasamhom fi tmien (8) ishma illi, wara li jsiru xi ekwiparazzjonijiet, huma ndaqs. Il-partijiet qablu illi l-qasma ssir skond l-ishma mħejjija mill-perit tekniku.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

1. tillikwida l-legat illi għandu jitħallas lill-atturi skond it-tieni artikolu tat-testment ta' Carmela Gatt tat-18 ta' Marzu 1994 fl-atti tan-Nutar Joe Cilia, fis-somma ta' sebat elef, tmien mija u tletin lira (Lm7,830);

2. tikkundanna lil kull wieħed u waħda mill-konvenuti werrieta ta' Carmela Gatt iħallas jew tħallas lill-atturi disa' mija u tmienja u sebgħin lira u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm978.75);

3. tordna illi l-beni immobbli tal-wirt ta' Carmela Gatt jinqasmu fi tmien ishma kif magħmula fir-relazzjoni tal-perit tekniku, *foll.* 107 *et seqq.*;

4. tordna illi l-ishma jkunu assenjati lill-partijiet werrieta ta' Carmela Gatt bix-xorti, sehem lil kull werriet jew werrieta;

5. taħtar lin-Nutar Joe Cilia sabiex, wara li jtella' x-xorti għall-assenjazzjoni ta' l-ishma, jippubblika l-att ta' qsim tal-wirt biex jiġi assenjat lil kull werriet jew werrieta s-sehem li jkun imissu jew imissha;

6. taħtar lill-Avukat Anthony Cutajar bħala kuratur biex jidher f'isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni ta' l-att; u

7. tordna illi l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-flus miġbura mill-esekutur testamentarju mill-kirjiet tal-proprjetajiet, u dak li jifdal mill-flus, wara li jitħallsu l-ispejjeż ta’ l-amministrazzjoni, jinqasmu f’ishma ndaqs bejn il-werrieta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------